**Għal dejjem tibqa' ħaj**

Issa li ġejt midfun u ġismek niżel
Fi ħdan l-art u int bdejt kapitlu ieħor,
Għax dħalt fl-eternità, magħha ħadnitek
Biex ma' Ġesù tibqa' tħobb lil ħaddieħor.

Folol hekk kbar attendew għall-funeral
Tassew kbir u sempliċi li għamlulek,
F'kelma waħda riedu bil-qawwa jfakkruk
Kulħadd f'qalbu ħass li ried isellimlek.

Bqajt ħaj fostna għażiż Papa Franġisku
Ix-xbieha bil-kliem tiegħek huma onlajn,
Biex donnu ħadd minna le ma jmur jinsa
Dak li b'tant impenn wettaqt 'il bogħod mill-għajn.

It-tagħlim sabiħ tiegħek hekk sempliċi
Li baqa' nieżel dritt bħall-ilma fil-qlub,
Jibqa' ifakkarna f'dil-ħajja l'għandna
Fil-qawwa feddejja tal-għotja b'virtù.

Issa li tbegħdu minn fuqek l-cameras
U qed tistrieħ bix-xieraq f'Bażilika,
Iddedikata lil Ommna w Omm Alla
Itlob għalina f'dil-ħajja missielta.

Fakkarna fil-kuraġġ li inti kellek
Li tibqa' titbissem avolja fl-uġigħ,
Għax il-ħajja tibqa' rigal mill-isbaħ
Tal-ogħla mħabba li xxerred il-mistrieħ.

Ħa nibqgħu nittawwlu bil-kuraġġ kollu
Lejn imġiebtek li tħarisna minn kull gwaj,
Għażiż Papa Franġisku, Papa twajjeb,
Inħobbuk, inti fi qlubna tibqa' ħaj.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.